# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 216/2015**

Il-Pulizija

vs

**Alexander Gerald Valenzia**

iben Arthur, imwieled il-Hamrun, fl-24 ta’ Mejju, 1962, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 404662(M)

Illum, 4 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alexander Gerald Valenzia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Settembru, 2014 sa Novembru, 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Ingrid Valenzia u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Alexander Gerald Valenzia pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza ta' l-Onor. Qorti tal-Familja bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali fl-interita' taghha u taghmel dak kollu li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-umili fehma ta' l-appellant, l-Onorabbli Qorti tal-Familja, fid-decizjoni taghha, ma haditx konjizzjoni bizzejjed tal-provi mressqa quddiemha mid-difiza u hadet id-decizjoni taghha fuq semplici allegazzjonijiet imressqa mill-avukat difensur tas-Sinjura Ingrid Valenzia bhala parte civile.

Illi ghalkemm huwa minnu li hemm ezistenti digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghti mill-Onor. Imhallef Robert G. Mangion datat 30 ta' Mejju, 2013, fejn tali digriet jistabilixxi l-manteniment li l-appellant ghandu l-obbligu jhallas lil ibnu Zack Valenzia, l-istess digriet jistabilixxi ukoll li sabiex tali manteniment jissussisti, tlett kundizzjonijiet ghandhom jippersistu b'mod kumulattiv, o veru li l-imsemmi wild (i) jkompli jirrisjedi ma' l-attrici; (ii) isegwi kors ta' studju full time u (iii) sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena. Ghaldaqstant, jekk wahda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tissusthix, l-imsemmi manteniment mhuwhiex dovut (Vide Anness 'A ').

Illi l-appellant, b'diversi modi u manjieri, kemm-il darba pprova jaghmel kuntatt ma' l-imsemmi wild sabiex ikollu jew jigbor informazzjoni dwar it-tahrig edukattiv ta' l-imsemmi wild minghajr ebda ezitu posittiv.

Illi kien biss minn telefonata li s-Sur Valenzia kellu mill-Ghassa ta' Birkirkara maghmula minn WPS 301 L. Vella li sar jaf li ibnu Zack kien beda jattendi kors fuq bazi full time fl-iskola STC

Training fid-9 ta' Ottubru, 2014, fejn l-istess WPS 301 fl-affidavitipprezentat minnha, stqarret li hekk kif hi stess infurmatu b'din l-informazzjoni, l-istess appellant stqar maghha li huwa kien ser jibda jhallas il-manteniment minn Ottubru la darba Zack Valenzia kien beda jattenda l-imsemmi kors f'dak iz-zrnien (Vide Anness 'B').

Illi fil-kors tas-smiegh tal-kawza appellata gie wkoll ipprezentat kopja ta' cheque No. 16 tal-Banif Bank fl-ammont ta' EUR 662.00 datat 3 ta' Novembru, 2014, mahrug mill-appellant, fejn b'nota qasira annessa ma' l-imsemmi cheque huwa avza lill-imsemmi wild li ghal darb'ohra l-appellant ghandu bzonn ta' informazzjoni rigward l-edukazzjoni ta' l-istess wild u fejn iddikjara li l-manteniment dovut kien ikopri il-perjodu ta' bejn id-9 ta' Ottubru, 2014 sat-30 ta' Novembru, 2014 (Vide Anness 'C').

Illi mid-dikjarazzjoni maghmula mill-istess appellant fuq l-imsemmi cheque, huwa evidenti li l-appellant qatt ma kellu intenzjoni li ma jhallasx, tant u hekk li appena kellu informazzjoni li l-imsemmi Zack Valenzia kien qed jissodisfa il-kriterji hekk prefissi mid-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghti mill-Onor. Imhallef Robert G. Mangion fit-30 ta' Mejju, 2013, huwa minnufih hallas l-imsemmi manteniment lil ibnu Zack.

Illi minkejja li l-avukat in parte civile difensur tas-Sinjura Ingrid Valenzia rribadixxa li l-imsemmi Zack kien ghadu qed iwettaq l-istudji tieghu ftl-perjodu bejn Settembru, 2014 u Novembru, 2014, ma ngabu ebda provi min-naha tas-Sinjura Valenzia li jikkonstataw dawn il-fatti, anzi gie ribadit li l-imsemmi wild, f'dan il-perjodu ma kien qed jattendi l-ebda kors, minhabba li kien ftl-perjodu estiv.

Illi minn dikjarazzjoni maghmula fl-atti tal-kawza Pulizija Ezekuttiva v. Alexander Gerald Valenzia, quddiem il-Qorti tal-Familja ippreseduta mill-Onor. Magt. Dr A. J. Vella datata l-1 ta' Dicembru, 2014, mill-Head of Operations & HR ta' l-STC Training, is-Sinjura Esmeralda Micallef Zerafa, gie kkonstat li s-Sur Zack Valenzia, fil-perjodu ta' bejn Lulju, 2014 u Novembru, 2014, ma kienx qed jattendi kors fuq bazi full time, izda kien biss qed isegwi kors ta' 35 siegha rigward Web Design & Photoshop (Vide Anness 'D'). Infatti l-istess Qorti tal-Familja

hekk ippreseduta rnill-Onor. Magt. Dr. A. J. Vella lliberat lill-appellant minn kull akkuza migjuba kontrih fir-rigward ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

Illi minkejja li s-Sinjura Valenzia fix-xhieda taghha sostniet li l-imsemmi kors ta' Web Design & Photoshop huwa kors preparatorju ghal dak li s-Sur Zack Valenzia beda jattendi fid-9 ta' Ottubru, 2014, fl-ebda mument ma gew ipprezentati dokumenti li juru dan.

Illi minn ricerka semplici li wiehed jaghmel fuq l-webpage ta' l-STC, wiehed immedjatament jirrealizza li l-imsernmi kors ta' Web Design & Photoshop, ma ghandu l-ebda konnessjoni mad-diploma ta' Level 4, Diploma in Computing (IADC) li hija kkonferita mill-NCC Education u li beda fid-9 ta' Ottubru, 2014 (Vide Anness 'E').

Illi huwa fatt li l-gurisprudenza tghallimna, li sabiex jissussjedi l-obbligu ta' manteniment lejn wild, tali manteniment huwa dovut biss meta jkun hemm kontinwita' bejn l-korsijiet ta' studji li l-wild li lilu hu dovut il-manteniment jaghmel fic-ciklu edukattiv tieghu.

Illi minn diversi xhieda pprezentati f'diversi kawzi mressqa b'malizzja mill-kwerelanta Ingrid Valnezia, inhareg bic-car li l-wild Zack Valenzia ma wettaq ebda stadju ta' studju tieghu li jwassal ghall-imsemmija kontinwita, dan hekk kif l-imsemmi wild ma' lestiex l-istudji tieghu fil-Higher Secondary School Giovanni Curmi, fejn hu halla l-istudji tieghu hekk kif kellu jirrepeti l-ewwel sena. Fl-umili fehma ta' l-appellant, ma hemm l-ebda relazzjoni bejn dak li Zack Valenzia kien qed jistudja fl-Istitut Giovanni Curmi, il-kors tal-Web Designing u l-kors li qed isegwi prezentament mal-STC Training.

Illi l-Onor. Qorti tal-Familja, fis-sentenza taghha ukoll ma kkunsidratx il-fatt li l-appellant hallas il-manteniment, jekk la darba dovut tax-xhur ta' Ottubru u Novembru, 2014.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2016 il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Alexander Gerard Valenzia u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassr u tirrevoka l-piena nflitta ta' xahar prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien xahar mil-lum.